MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2012

Talba Numru. 344/2011

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Youssef Esseri (K.I. 509491M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet li l-konvenut ghandu jigi kkundannat jhallas l-ammont ta’ elf, hames mija, erbgha u tletin ewro u hdax-il centezmu (€1,534.11) rapprezentanti l-ammont dovut lis-socejta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lill-istess konvenut abbazi ta’ ftehim bejn il-kontendenti (Dok A).

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi b’talba ghall-pagament effettiv, izda dan baqa’ inadempjenti ghal tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-mandat kawtelatorju pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali mid-data ta’ dan l-avviz

sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-10 ta' Jannar, 2012 mill-Avukat Daniela Gauci u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------